# KWIEKEB

*Ta'* Mary Meylak

Fanali ċkejkna jleqqu,
Imsiebaħ kollhom dija
Li l-anġli għandhom l-amar
Jixegħlu kull fl-għaxija.

Biex aħna tul iljieli,
Hawnhekk, minn dan il-qiegħ
Naraw x'palazz thejjielna,
L-għamara tal-mistrieħ.

O kwiekeb sbieħ u tilma,
Il-gwida tal-mitlufa.
Jekk jiġi s-sħab jitfikom
Smewwiet jidhru meħrufa.

Bħal ħaġar l-aktar rari
Ġo baħar żmalt kaħlani.
L-istar tal-ġenna mbiegħda,
Juruna kemm hu għani.

O kwiekeb tal-brillanti,
Ċkejknin xbejbiet lejlija,
Titħajru wkoll xi darba
Ittellqu xi tiġrija.

Kultant mank naf x'naħsibkom,
Se ngħid mingħair ma narra.
Jien qaddisin naħsibkom
Li xerrfu rashom barra.

Naħsibkom bews stampati
Ġol-wiċċ sabiħ tas-sema,
O kwiekeb bħan-nies tagħmlu,
Tiltaqgħu ġemgħa ġemgħa.

Bir-ruħ donnkom, u tpetptu
Tisharu kollkom sabar,
O kemm inħobb narakom,
Tfal żgħar, ulied il-Qamar.